**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ**

**SEDUTA NRU. 25 – IT-TNEJN, 10 TA'SETTEMBRU 2012**

Il-Kumitat iltaqa' fis-Sala tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Mary Anne Cuomo | *Chairperson* |
| | Joseph Woods | Viċi *Chairperson* |
| | Maria Vella | Membru |
| | Joseph Pierre Bonello | Membru |
| | Evelyn Muscat | Membru |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Roderick Debono | Skrivan |

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI**

1.1.1. Il-minuti tal-laqgħa ta' qabel kienu meqjusa moqrija.

1.1.2. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati u ffirmati miċ-*Chairperson* u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

**2. PROGRAMM GĦALL-ISKEDA TAX-XITWA GĦALL-ANZJANI**

2.1.1. Iċ-Ċhairperson ħarġet bi proposta li għandhom jibdew isiru diskussjonijiet kull xahar fuq talba ġenerali mir-residenti ta' Baħar iċ-Ċagħaq. Għal dawn għandhom ikunu involuti l-anzjani. Tul dawn id-diskussjonijiet jibda jkun hemm għoti ta' kafè kif ukoll logħob tat-tombla.

2.1.2. Fid-dawl ta' dan il-proponiment is-Segretarju Eżekuttiv issuġġerixxa li attivitajiet bħal dawn għall-anzjani jistgħu jissaħħu jekk ikun involut iċ-Ċentru ta' Matul il-Jum tal-Anzjani Naxxar billi dawn jittieħdu Baħar iċ-Ċagħaq u b'hekk jinkoraġixxu aktar anzjani jipparteċipaw u eventwalment jitħajjru wkoll jattendu ċ-Ċentru..

2.1.3. Kien hemm qbil unanimu sabiex dawn id-diskussjonijiet jibdew isiru mix-xahar t'Ottubru 2012, proprju fit-tieni ġimgħa tax-xahar, xi darba bejn it-Tlieta jew l-Ġimgħa.

2.1.4. Is-Sur Woods stqarr li huwa jixtieq li jagħmel diskussjoni fuq il-Kultura li hemm fiz-zona ta' Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jagħti iżjed sens ta' identità lill-istess residenti fuq ir-raħal li jgħixu fih. Barra minn hekk huwa żied jgħid li għandhom jibdew isiru diskussjonijiet immirati lejn l-anzjani bħas-Solitudni; X'jistgħu jaħmlu tul il-jiem twal tagħhom;

eċċ. L-għan ta' dawn is-suġġetti huwa sabiex finalment l-anzjani jkunu kapaċi jgħelbu dawn it-tip ta' sfidi f'ħajjithom.

2.1.5. Is-Sinj. Cuomo infurmat lill-kumplament tal-Kumitat kif ukoll lis-Segretarju Eżekuttiv li hemm bżonn li nerġgħu nikkuntattjaw lis-Sur Ivan Pierre Vella minn Transport Malta dwar il-proposta li l-istess kumitat ressaq fid-dawl tal-karozza Arriva bin-numru 205.

## 3. PROPOSTA GĦAL XOGĦLIJIET

3.1.1. Xogħlijiet li hemm bżonn li jsiru f'Baħar iċ-Ċagħaq:

- Kontinwazzjoni tax-xogħol fuq il-bankini ta' Triq it-Tunnara u Triq Xatt il-Palm;
- Talba għal żewġ bozoz ġodda fi Triq il-Lampara filwaqt li s-Sinj. Evelyn Muscat ipproponiet applikazzjoni għal bozza ġdida fi Triq l-Isbark tal-Franċiżi.
- Bozza ġdida fi Triq Anton Manwel Caruana li għalkemm twaħħlet, għadha ma ġietx mixgħula. Talba sabiex insegwu l-każ ma' min huwa nkarigat.
- Is-Sinj. Cuomo semmiet il-bżonn li jsiru l-marki ta' Triq ir-Ridott u Triq Anton Manwel Caruana l-għaliex telqu għal kollox.

## 4. ATTIVITÀ GĦAT-TFAL SCIENCE IN THE CITY

4.1.1. Is-Sur Woods ressaq proposta biex tkun organizzata ħarġa għat-tfal għall-attività li se ssir fil-Belt Valletta bl-isem Science in the City. Din hija attività edukattiva u interessanti immens.

4.1.2. Il-Kumitat qabel li jorganizza t-trasport u joħroġ avviż dwar dan u li possibilment għandu jkun hemm xi ġenituri biex jakkumpanjaw lit-tfal.

## 5. ATTIVITÀ TAL-MILIED

5.1.1. Is-Sinjura Cuomo uriet ix-xewqa li għal din is-sena, ix-xogħol ta' dawl fit-toroq jiżdied. F'dan id-dawl is-Segretarju ħa nota sabiex nordnaw lill-ħaddiem tal-Kunsill sabiex jiltaqa' maċ-Ċhairperson kif ukoll mas-Sur Bonello f'Baħar iċ-Ċagħaq sabiex jiddeterminaw liema huma t-toroq li se jiżdiedu.

5.1.2. Kien hemm qbil unanimu sabiex jerġgħu jintalbu kwotazzjonijiet mingħand Curtain Raiser kif ukoll mingħand Leisure Entertainment. Barra minn hekk intlaħaq anke ftehim sabiex tintalab kwotazzjoni għal Santa Klaws.

5.1.3. Il-Kumitat qabel li għandhom imorru għall-ġurnata tal-Ġimgħa 21 ta' Diċembru 2012.

## 6. ĦWEJJEĠ OĦRA

6.1.1. Ilmenti li ssemmew waqt il-laqgħa:

- Is-Sinj. Muscat stqarret li hemm bozza li qiegħda tixgħel u tintefa fi Triq s-Sikka kantuniera ma' Triq l-Iskall.

- Issemmiet ukoll it-telqa li jinsab fiha l-Ġnien ta’ quddiem Marleys. F’dan id-dawl il-Kumitat talab lill-Kunsill sabiex jordna lill-kuntrattur ħalli jagħti titwila mill-aktar fis. Fost in-nuqqasijiet issemmew: in-nuqqas ta’ tħawwil ta’ pjanti; l-ħtieġa ta’ żbir ta’ siġra tal-ficus; kif ukoll il-qagħda ġenerali tal-ġnien.
- Is-Sinj. Vella resqet talba sabiex jinħaslu l-iskips fiż-żona ta’ Baħar iċ-Ċagħaq għax qegħdin irejħu.

6.1.2. Is-Sur Woods ippropona sabiex minn żmien għal żmien il-Kumitat jalloka siegħa sabiex il-membri jkollhom iċ-ċans li jaqsmu bejniethom ideat ġodda dwar x’jistgħu jagħmlu għar-residenti minn Baħar iċ-Ċagħaq.

6.1.3. Is-Sinj. Vella qalet li fiċ-ċirkulari numru 2 għas-sena 2012 hemm bżonn li nżidu l-ġurnata tal-Ħamis għas-sessjonijiet tal-Aerobics qabel ma’ eventwalment titqassam.

**7. TMIEM IL-LAQGĦA**

7.1.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 15 t’Ottubru 2012 fil-5:00pm.

7.1.2. Il-laqgħa intemmet fis-18:30pm.

Mary Anne Cuomo

**Chairperson**

Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM

**Segretarju Eżekuttiv**

A